

# Il-Gżejjer ta' San Pawl

Is-Sur Paul P. Borg

Nhar il-Ħadd 5 ta' Lulju 2009 ġie organizzata żjara fuq il-gżejjer ta' San Pawl. Din il-mawra ġiet organizata mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru flimkien ma' l-Għaqda Mużikali Imperial u s-Soċjetà Filarmonika La Vittoria.

F'din il-ħarġa qegħdin nipproduċu id-diskors li għamel Paul P. Borg fuq il-gżejjer ta' San Pawl waqt kommemorazzjoni li saret fuq il-post waqt l-istess attività.

*Hu tajjeb wieħed isir jaf fuq l-ambjent li ngħixu fih, mhux biss bħala tagħlim u tagħrif, iżda aktar ma wieħed isir jaf fuq l-ambjent ta' madwaru, aktar jitgħallem iħobbu u jistmah. B'hekk mhux biss jiswielu l-ambjent tagħna biex jgħix aħjar, iżda jkun qiegħed jieħu ħsieb uliedna li għad jiġu 'l quddiem biex igawdu huma wkoll l-ambjent tagħhom. Ikun għajb għalina jekk ma nħallux qawwi u sħiħ dak li n-natura ħasbet għalina fuq dawn il-blatiet! Għalhekk hu meħtieġ li wieħed jfhimha sewwa illi fil-Maltin ta' llum hemm, ukoll il-Maltin ta' għada, sewwasew bħalma fil-Maltin ta' llum hemm ukoll il-Maltin li għexu qabilna fl-imgħoddi. Meta qegħedin nieħdu ħsieb l-ambjent tagħna llum, qegħdin nirrispettaw u nħobbu wkoll lil dawk uliedna li għad iridu jiġu warajna. Ukoll jekk wiċċhom għadna ma rajniehx. Ukoll jekk wiċċhom lanqas noħolmu li għad narawh! Imma xorta waħda huma wliedna, u xorta waħda rridu nħobbuhom b'qalbna kollha!*

*Fil-kilba tiegħu li jikseb aktar u aktar tagħrif fuq l-ambjent tiegħu, il-bniedem jagħmel li jista' jitkixxef dati u jfittex dettalji oħrajn, u jittanta jsib lokalitajiet ta' importanza kbira kemm storika kif ukoll arkeoloġika. Jien tal-fehma li dan kollu, irid ukoll jintrabat mas-sens li l-bniedem stess ta lil dan l-ambjent. Fi kliem ieħor ikun ta' fejda mhux ftit li wieħed jara wkoll kif ġieb ruħu l-bniedem f'dak l-ambjent, u x'kienet ir-relazzjoni tiegħu mal-għelieqi, max-xagħri kif ukoll mal-bhejjem li għexu f'dak l-ambjent. Dawk l-irqaqat tal-ħajja ta' kuljum u li l-inqas jidhru importanti huma t-tkomplija tal-kwadru sħiħ. Din hi t-tpinġija li jidhirli tagħmel l-aktar ġid: it-tqarrib tal-ħajja ta' kuljum tas-soċjetà mal-ambjent madwarha. L-istampa sħiħa tal-Gżejjer ta' San Pawl, biex nieħdu eżempju, tkun aktar ħajja jekk tingħata wkoll importanza lil dawk id-dettalji li rabtuha mhux biss ma' avvenimenti storiċi u ta' importanza nazzjonali, iżda wkoll mal-ħajja ta' kuljum tal-bniedem li fittex biex juża l-ambjent madwaru u dak kollu li Alla bagħatlu biex jara kif jagħmel u jgħix kif jista' fuq din l-art.*

*Kemm ikun aktar ta' fejda kieku ġrajjiet bħal dawn u ntietef ta' interess aktarx soċjali, ikunu mwasslin lit-tfal tagħna. Uliedna jsiru jafu mhux biss il-Mellieħa kif tbiddlet, imma jitgħallmu dwar ġrajjiet li seħħew il-bieraħ fis-soċjetà. Isiru jafu liema ħidma kienet tgħajjex lill-Melleħin. Isiru jafu li l-Mellieħa mhux minn dejjem kienet raħal sabiħ b'kummerċ b'laqta turistika, iżda kien mimli ħajja marbuta mal-ħamrija. Isiru jafu ħajjet missirijiethom u jkunu jafu huma fejn jinsabu. U fuq kollox biex huma wkoll ikunu jafu mnejn tlaqna u fejn ninsabu. U fejn irridu naslu.*



L-arċipelagu Malti hu magħmul minn żewġ gżejjer imdaqqsin Malta u Għawdex, u minn gżejjer ferm iżgħar, il-Kmiemen, Filfla u l-Gżejjer li aħna llum insejħu l-Gżejjer ta' San Pawl.

Il-Gżejjer ta' San Pawl nsejħulhom *gżejjer* għax hekk jidhru mill-bogħod. Imma fil-fatt huma biċċtejn kbar magħqudin b'istmu baxx u dejjaq li fil-maltemp jitgħatta bil-mewġ u joħloq dehra ta' żewġ gżejjer bi dritt xulxin. Il-kelma fil-plural *gżejjer* kienet sa ftit snin ilu tintuża biex saħansitra jsejħu lill-biċċa ta' barra bħala l-*Gżejjer ta' Barra*, u lill-biċċa ta' ġewwa l-*Gżejjer ta' Ġewwa*.

Il-kbira titla' sa 24 metru għoli, waqt li ż-żgħira daqs 8 metri kollox. Kollha kemm hi fiha madwar 886 metru tul u xi ftit aktar minn 200 metru wiesgħa. L-istoriku Pietru Pawl Castagna jirreferi għall-Gżejjer bl-isem ta' *Selmun*. Jgħid li dawn il-gżejjer,

*'Selmun: minn x'uħud il-Gżejjer ta' Selmun jew ta' Barba Marku: art fi tnejn imgħaqqdin b'istmu dejjeaq twil 250 jarda. Iż-żgħira ta' barra tiġbed 470 jarda tul u nofsha 200 jarda wiesgħa; l-oħra ta' ġewwa minn ġenb għal ieħor tagħti 300 jarda u 560 tul. Iddur 4 itmiem li jagħtu wiċċ ta' nofs mil kwadru – bogħod mill-art ta' Malta fejn 130 jarda u fejn 200 jarda b'baxx fond kullimkien l-iktar fil-kanal li jgħaddi bejnu u bejn l-art bi drittu.' (L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha, 1888, p.21).*

Il-blat hu l-aktar qawwi ta' fuq (*upper coralline limestone*) magħruf bħala *Tal-Pitkal*, li jinsab ukoll xi ftit lejn Selmun, għalkemm il-promontorju hu aktar tafli mad-dawramejt u b'kisjiet fil-wiċċ minn kwalità oħra ta' blat iebes imsejjaħ *Tal-Imtarfa*. Il-blat tal-Gżejjer hu griż ċar li f'xi nħawi jkanġi fil-kannella ħafif, u magħmul minn sedimenti ta' qxur t'alka, bebbux, arzell, u materjal ieħor li nġabar f'azzjoni sedimentarja waqt il-formazzjoni tiegħu miljuni ta' snin ilu. Ta' min jinnota qasma fil-blat tal-Gżejjer in-naħa ta' Malta li tidher mxengla f'saff blat wieqaf u iebes sewwa li jsaqqaf qisu ħajt lixx dieħel ġo għar. Interessanti wieħed jgħid li bħal dan is-saff ta' blat lixx u iebes li donnu wkoll jissaqqaf 'il fuq il-ħamrija jinstab lejn il-Magħlaq aktar 'il ġewwa fil-Wied tal-Mistra. Ikolli ngħid li tissokta l-qasma mxengla mill-Gżejjer sal-Magħlaq u forsi 'l hinn minnu wkoll. Minjaf ikunx hawn min jitkixxef sewwa u xjentifikament dan id-dettal ġeoloġiku f'dawn l-inħawi u jagħti spjega ta' dan kollu bħala tarf dwar il-formazzjoni u ż-żmien tal-gżejjer Maltin?

## Xogħol fuq il-Gżejjer

Bħala riflessjoni fuq il-ħajja soċjali tal-Mellieħa u tal-inħawi, ta' min wieħed isemmi aktar ġrajjiet li ntqaluli dwar ħidma li kienet issir fuq il-Gżejjer meta għadd ta' bdiewa, saħansitra tfal u nisa kienu jmorru l-Gżejjer biex jaħsdu, jaħartu, jirgħu u jagħmlu xogħol li dejjem imsejjes fuq ir-rabta tal-bniedem mill-qrib man-natura. Ħamrija fuq il-post ma tantx hemm fuq il-Gżejjer. Imma minkejja dan, ir-raba' kien jinħadem sewwa minn ħafna bdiewa, fosthom ċertu Ċensu Borg *Ta' Bajdafin* minn San Pawl il-Baħar kif ukoll minn ħafna aktar bdiewa oħrajn minn Selmun jew mill-Mellieħa. Ta' min jgħid li qed nitkellmu fuq soċjetà li ma keinx ikollha mezz ieħor ta' għajxien agħjr dak li jkabbru l-għelejjel tagħhom mir-raba' u jrabbu xi bhejjem fl-istallel jew il-gallinari tagħhom. Kull laqxa tirfed l-imramma jgħidu, u l-bdiewa ma kienu jaħlu xejn, lanqas il-ħamrija li tittajjar mill-irjieħ u tinġabar fit-toqob tax-xagħri. Anki dik kienu jiġbru u jirrijabiltawha lura lejn ir-raba', u anki f'dawk it-toqbiet kienu jgħallmu lil uliedhom ibejtu erba' fuliet jew piżelliet. Għalhekk ma nistgħaġbux li l-ħamrija tal-Gżejjer minkejja li tinħadem 'il bogħod mill-art, ma kinitx sa titħalla battala minn soċjetà ħawtiela.

Jiena ltqajt ma' nies illi jiftakru sewwa l-ħidma fuq il-Gżejjer kif ukoll raħħala li kienu jieħdu l-bhejjem lejn il-Gżejjer biex ikunu jistgħu jirgħu aħjar. Ninu Bonanno *Ta' Ġgejna*, tarrafli li Peppi mlaqqam *it-Tafaħ,* raħħal Mellieħi m'għol'hawn u li fil-gwerra li għaddiet kien artellier, kien joqgħod ix-Xagħra ta' Barra. Dan Peppi t-Tafaħ kien jieħu gidjien u ħrief mill-merħla fuq il-Gżejjer biex joftmuhom mill-omm u jkollhom jitgħallmu jfendu għal rashom billi jirgħu fix-xagħri tal-Gżejjer. Wenzu n-Nezz, li kien il-bużnannu ta' Ninu kien żmien twil ilu wkoll bidwi li jaħdem ir-raba' tal-Gżejjer. Darba dan Wenzu ssellef baqra biex jaħrat biha l-Gżejjer. Issellifha m'għand bdiewa li kellhom ir-razzett fejn illum hemm il-Furtizza Campbell, qabel sewwa ma nbniet fl-1939. Lill-baqra Wenzu ħadha miegħu fil-baħar, tgħum marbuta wara d-dgħajsa mill-qala tal-Mistra. Iżda b'għaġeb kbir tiegħu l-għada filgħodu kmieni meta qam biex jibda jaħrat qabel ma tfiġġ ix-xemx kbira u ħamra lil hemm mix-xefaq tal-Qawra, il-baqra ma sabhiex hemm! Mhux biss, iżda x-xatba tal-istalla kienet imkissra. X'kien ġara? L-istint tal-bhejjem m'hawnx akbar minnu! Il-baqra ħarbet, niżlet il-baħar, u qasmet għall-Blata biex tqassar u marret lura lejn l-għoġol li kellha biex treddgħu! U hemm sabuha b'għaġeb ta' kulħadd, tredda' l-għoġol li kellha!

In-nanna Ġużeppa kienet tiftakar ħidma kbira mhux biss saħansitra biex ibejjtu fil-ħofriet bi ftit trab li wieħed kien isib fix-xagħri ta' Selmun, imma saħansitra jmorru fil-bogħod tal-Gżejjer. Dan hu kliem in-nanna Ġużeppa li hu xhieda ħajja tal-ħidma li kienet issir fuq dawn il-gżejjer. Hu xhieda wkoll ta' kemm is-soċjetà Maltija ma kienet bl-ebda

mod tħalli mqar ftit ħamrija bla ma tkun ikkultivata. Qaltli n-nanna Ġużeppa,

U l-Gżejjer kienu jmorru għat-tlieta ta' wara nofsinhar, u jibqgħu sejrin bix-xogħol sa ma jlestu! Fuq il-Gżejjer kienu jagħmlu ħuxlief, legumi... ċukkarda, ġulbiena, biex jitnaqqxu. Allura kienu jmorru meta jkun dawl ta' qamar biex ma jiqfux u jfittxu jlestu. U darba kien hemm tifel ħaduh magħhom u meta saru l-għaxra u l-ħdax dan bih il-ġuħ u bih in-ngħas. U beda jagħmel, imma kemm sa ndumu, imma kemm sa ndumu! Għax kien ifjakka!

Fl-aħħar ix-xiħ qalilhom, 'Ara jien sa mmur salkamra, x'ħin insejħilkom ejjew!' U meta għajtilhom fl-istess ħin daqqet il-qanpiena tan-Naxxar, għax in-Naxxar qiegħed qrib u kien jinstama' sewwa. Kien daqq nofs il-lejl! Imbagħad marru u sabu lix-xiħ u pagna kbira minn dawk t'erba' widniet mimlija kafe'. U x-xiħ qabad il-ftiet u beda jfittet għal kulħadd u huma daru magħha u kulħadd jiekol il-ftit u jixrob il-kafè.

Issa dan ilu laqqat tafx! Minjaf kemm! Dak it-tifel kien in-nannu tiegħi li ilu mejjet xi erbgħin sena... u jien xjaħt ukoll! (Ara *Selmun u l-Inħawi,* 1989, p 108).

## Tas-Setta

In-nanna Ġużeppa kienet ukoll irrakkuntatli fatt interessanti li jixħet aktar dawl mhux biss fuq il-Gżejjer imma wkoll fuq is-soċjetà u l-beżgħat tagħha, jew fuq xi tgerfix li kien hemm bejn twemmin u superstizzjoni. Ġrajjiet li fihom jissemmew tas-setta sibt min qalli min diversi nħawi ta' Malta u ta' Għawdex. Imma jidher li lejn il-Mellieħa, l-ħsieb ta' dawn il-flien kien imsensel sewwa mal-għajdut illi kienu jintirtu minn fomm għal ieħor għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Din li ġejja hi silta li turi n-nanna kif kienet tiddefenixxi lil tas-setta.

Tas-setta kienu erwieħ ħżiena. Xjaten kienu jgħidu li kienu... min kien jinkiteb magħhom kien ikun għal dejjem... min kien ikun irid joħroġ ma jkunx jista' għax kienu jeħdulek id-demm ġo flixkun u jekk inti tibda taħseb biex toħroġ id-demm jibda jaqbeż u jisparawlek u inti tkun fejn tkun tmut! ... kienu jiltaqgħu bil-lejl u jmorru jitabahardu u min minnhom kien jibqa' barra sa ċertu ħin jinbidel f'annimal... (Ara, *Selmun u l-Inħawi,* p. 168).

In-nannu tirrakkonta li wara jum sħiħ jaħdmu u jaħsdu fuq il-Gżejjer, kien dalam sewwa u xorta kellhom jibqgħu sejrin bil-ħidma. Madankollu meta dalam sewwa, xi żgħażagħ minn dawk li kienu jaħdmu semgħu bħal daqq u bħal għana stramb u marru jaraw sewwa x'seta' kien dak id-daqq misterjuż fl-eqqel tal-lejl. Stagħġbu mhux ftit meta fuq xaqliba tal-Gżejjer jilmħu dwal strambi u nies strambi jiżfnu, u jitbahardu. Dawn twerwru għax kienu konvinti li dawk kienu tas-setta! U telqu mwerwrin lil hemm! L-għada filgħodu meta sebaħ marru ġgajta ta' ħaddiema biex jaraw sewwa fejn kienu tas-setta bil-lejl fuq il-Gżejjer. Iżda m'għandniex xi ngħidu, ma sabu xejn! Tas-setta ħadd ma kien jista' għalihom. Għaldaqstant kulħadd radd salib u marru jkomplu xogħolhom issummati b'li kien għadda min għalihom.

Illum wieħed jista' jikkumenta illi dawk li kienu ferħanin jgħannu, u jiżfnu kienu aktarx xi Maltin jew ukoll xi barranin Ingliżi tas-servizzi li kienu sikwit imorru jsajru u jiddevertu l-Gżejjer. Imma l-bidwi Malti – dawk kollha li kienu jibqgħu bogħod mit-tagħlim u mill-qari - kienu jibilgħu kollox bla ma jafu x'qiegħed jittiekel. Ħrejjef u ġrajjiet tal-biża' li jinvolvu lil tas-setta kienu aktarx jintqalu u jitwasslu minn ġenerazzjoni għal oħra permezz tal-fomm, ħalli tasal ukoll it-twiddiba marbuta mal-biża'. Kien żmien meta ma kienx hawn l-iċken ħsieb dwar tagħlim mill-qari jew minn mezzi oħrajn. Il-missirijiet kienu jwasslu t-twiddib lill-ulied b'mod effettiv li jgħaqqad ġrajja, ħlieqa u biża'. It-twiddiba, marbuta ma' taħlita ta' superstizzjoni u reliġjon, tilħaq sewwa l-għan tagħha. Naraw f'dan kollu, mezz effettiv ta' kontroll tal-imħuħ tal-biċċa l-kbira tan-nies, drawwiet li writtna saħansitra mill-imgħoddi qadim tagħna u li juri kemm sa ftit tas-snin ilu konna għadna fil-medjuevu tal-ħsieb intellettwali u ħieles tagħna. Fuq kollox jagħti wkoll ħjiel tal-għaliex għad fadal fostna l-Maltin il-fdal ta' sottomissjoni kolonjali u tal-biża' reliġjuż. Dan ma jħallix lil uħud li jistaqsu l-mistoqsija ta'l-inċertaezza, u jfittxu tweġibiet serji flok jibilgħu u jaċċettaw kollox. Dan il-biża' kien ukoll mod effettiv u arma qawwija f'idejn dawk kollha Maltin bħalna li kien jaqblilhom li l-Maltin jibqgħu jemmnu b'tas-setta u bl-iħirsa ħalli jkunu jistgħu jibqgħu huma fis-setgħa.

Wieħed ukoll jgħaġġel jgħid li llum il-ġurnata mhux permess li wieħed jiġi jikkampja fuq il-Gżejjer u lanqas m'hu permess li wieħed imur jagħmel barbikjus hemmhekk. L-ambjent mhux tagħna, imma ta' kulħadd. Jekk wieħed għamel ħuġġieġa fuq il-blat jew tefa' l-irmied u l-ġamar lil hemm u lil hawn bl-addoċċ, qiegħed jonqos mir-rispett lejn Art Twelidu. Il-ħsara sa jbatuha wliedna li sa jiġu warajna. Ma ninsa qatt il-karta li kienu tawna eżatt malli darba minnhom inżilt mill-ajriuplan fl-iŻvezja. Niftakar kont ftaħt il-karta u fiha kien hemm informazzjoni kif jeħtieġ barrani jġib ruħu f'dak il-pajjiż. Fuq nett kien hemm miktub ċar u tond li minkejja li 'l fuq minn 80% ta' dak il-pajjiż hu siġar u msaġar biss, la tista' taqta' mqar zokk niexef minn rajk, u lanqas għandek permess tagħmel nar, imqar ġamra waħda biss, fuq blat għeri! Kemm kellna u

kemm għad għandna bżonnhom liġijiet bħal dawn fostna hawn Malta!

Il-Gżejjer kienu ngħataw b'emfitewsi temporanja fl-1958 mill-Gvern Malti lil Baruni Ġużeppi Manduca Azzopardi li għaddih imbagħad lil xi ħbieb. Hawn min jgħid li dawn imbagħad telqu xi fniek biex ikun jistgħu jikkaċċjawhom huma biss! Madankollu tajjeb wieħed jgħid li ħafna u ħafna snin qabel dan kollu, saħansitra ferm qabel il-gwerra tal-1939, kienu żgħażagħ minn Selmun li kienu jaqsmu jgħumu lejn il-Gżejjer fid-dawl ta' qamar bis-snieter u bit-twaġen u bil-ħobż 'il fuq mill-ilma ħalli jisolħu u jaqlu xi fenek li kienu jaqbdu! Darba xi baħrin tas-servizzi Ingliżi fettlilhom jinżlu fuqha bil-lejl biex isajru bla ma kellhom injam. X'għamlu? Qabdu u kissru l-bibien tal-kmamar mitluqin tar-razzett li hemm. Il-Maġġur Sant Cassia, bir-raġun kollu, irrabbja bl-ikrah, tella' lin-Navy l-Qorti u kellhom iħallsu tad-danni li kienu saru.

## L-Istatwa ta' San Pawl

L-avukat Cesare Vassallo li għex matul is-seklu dsatax, kien biblijotekarju ġenerali, imma kien ukoll bniedem kolt li kien jinteressa ruħu kemm fl-arkeoloġija ta' Malta kif ukoll kien wieħed minn dawk li bdew jifhmu kmieni fil-ħajja soċjali u kulturali tagħna il-Maltin il-ħtieġa għall-identità tagħna. F'Settembru tas-sena 1856 qatta' ħmistax-il jum vaganza fil-Palazz ta' Selmun u ħalla djarju imoportanti ta' dak li ra madwaru kemm soċjalment kif ukoll fiżikament min-naħa ta' ambjent naturali.

L-inħawi ta' Selmun u din ix-xaqliba lejn il-Gżejjer minn dejjem kienet issaħħar lil kull min kien u għadu jżurha. Vassallo dar l-inħawi sewwa u kiteb ukoll saħansitra dwar nies u drawwiethom dak iż-żmien. Interessanti wieħed jifli dak li jiddeskrivi dwar l-attivitajiet li kien jara fuq iċ-ċangar u fil-Wied tal-Mistra (Ara *Selmun u l-Inħawi*, p. 123 et.). Darba minnhom, fis-17 ta' Settembru, 1856, żar it-Torri ta' Għajn Ħadid. Meta żaru Cesare, t-torri kien għadu qawwi u sħiħ. Imma ftit jiem biss wara, nhar it-12 t'Ottubru ta' l-1856, it-torri ġġarraf, u għadu mġarraf sa llum. Iżda waqt li qiegħed iħares lejn it-torri u qiegħed jitħassru għax mibni fix-xifer sewwa u jidhru sewwa l-qasmiet f'wiċċ il-blat, Cesare Vassallo jara wkoll l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer, u jistħajjel lil San Pawl jitkellem u jgħid kliem tassew profetiku! San Pawl jgħolli jdejh u jgħid b'qalbu maqsuma (u b'rabja): *Hawnhekk tassew tkissirt u mort il-baħar!* Aktarx dan l-għadab ħiemed ta' dan il-bniedem kolt kien ġej minħabba l-livell baxx ta' tagħlim reliġjuż tan-nies li ltaqa' magħhom, il-prietki bla sens tal-qassis waqt il-quddiesa, u l-beżgħat fiergħa li kellhom.

L-istatwa ta' San Pawl hi tal-ġebel u għolja xi 4 metri. Kienet ilha li tqiegħdet hemm mill-21 ta' Settembtru tal-1845, ftit snin biss qabel ma kkummenta fuqha Vassallo. L-istatwa kienet xogħol tal-iskultur Ġismundu Dimech, u fuqha ħadem ukoll Salvatore Dimech.

## Ġrajja u Isem

Imma għaliex hemm l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer? Tidher mistoqsija bi tweġiba ovvja. Il-Gżejjer dejjem tqiesu żgħar wisq biex jinbnew fuqhom kastelli jew torrijiet jew xi għamla ta' diviża għal Malta. Madankollu storikament kellhom huma wkoll il-waqtiet tagħhom. U xi drabi dawn il-waqtiet kienu wkoll kbar, u interessanti wieħed ikun jaf xi ħaġa fuqhom. Illum nafuhom bħala l-Gżejjer ta' San Pawl għax huma marbutin sewwa mat-tradizzjoni tan-nawfraġju ta' San Pawl li ġabilna l-fidi miegħu fis-sena 60 w.K.

## In-Nawfraġju ta' San Pawl

Imma ta' min isemmi mill-ewwel, li isem il-Gżejjer ma kienx il-*Gżejjer ta' San Pawl* minn dejjem! Din tidher stramba imma hekk hu! Il-biċċa ta' ġewwa kienet fl-imgħoddi magħrufa bħala *Selmunett,* jew ukoll *Salamunett*. Skont Castagna kienu wkoll jissejħu l-Gżejjer tal-*Barba Marku.*

Hemm min isostni fil-fatt, li n-nawfraġju tal-mirkeb li fuqu kien hemm San Pawl ma seħħx ma' dawn il-gżejjer. It-tradizzjoni biss tgħidilna hekk. Matul il-qagħda tal-Għarab hawn Malta mit-870 W.K sa l-1090 meta telqu minn Malta, aktarx li din it-tradizzjoni naqset ħafna. Minkejja li Malta kienet imbagħad għaddiet taħt ħakkiema Normanni, l-Għarab u l-Insara għexu flimkien sal-1250 meta tkeċċew għalkollox minn Federiku t-Tieni, u kien minn dak is-seklu li t-tradizzjoni reġgħet irpiljat sewwa. Hu interessanti wieħed isemmi illi fuq l-art ta' Malta 'il fuq minn fejn illum hemm is-salini tal-melħ, insibu roqgħa art imsejħa minn missirijietna bl-isem ta' *Il-Herrieq*, u ma tistax ma torbotx dan l-isem ma' dak li naqraw fl-Atti tal-Appostli li kiteb San Luqa dwar il-ħuġġieġa li għamlu lil San Pawl malli rifes fuq art Maltija.

Castagna fl-*Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha*, li ħareġ fl-1888, jgħid illi l-mirkeb trakka taħt Redum il-Bies, kif aktarx setgħet kienet ukoll l-idea popolari ta' xi wħud dik il-ħabta. Hemm min isostni li n-nawfraġju tal-mirkeb imsemmi fl-Atti tal-Appostli ma sar la qrib il-Gżejjer u lanqas mal-iskolli lejn Irdum il-Bies, iżda sar aktar 'il ġewwa fil-bajja qrib *tal-Għażżelin* li hi tgħawiġa tal-kelma Griega *dithalasson*. Erin Serracino Inglott fil-*Miklem Malti* jgħid illi dak il-lokal jismu *tal-Għażżelin* u mhux *tal-Għażżenin*, kif ġieli nkiteb minn uħud. Il-Professur Pietru Pawl Saydon fin-noti tiegħu dwar



## Salamunett u Barba Marku

Għaliex il-Gżejjer kienu jissejħu *Salomone,* jew *Salamunett*, jew *Selmunett,* jew *Selmun*, jew tal-*Barba Marku*? Mnejn ġejjin dawn iż-żewġ ismijiet?

Tajjeb wieħed jgħid mill-ewwel li l-isem tal-Gżejjer u isem il-promontorju li jasal mill-Kalkara, mill-Migduna, sa Ras il-Griebeġ u jiġbed lejn il-Lvant u li aħna nsejħu *Selmun*, huma marbutin sewwa u ma tistax tifridhom minn xuxlin.

l-Atti tal-Appostli (Malta,1955) jaċċetta li m'hemm ebda ċertezza dwar il-lok eżatt fejn trakka l-ġifen li fuqu kien hemm San Pawl, għax fl-iskrittura hemm il-kelma *dithalasson* li tfisser *bejn żewġt ibħra* li hi riferenza ċara għal post fejn il-baħar jinqasam fi tnejn b'xi sikka taħt l-ilma jew xi bank ramel għoli. Ta' l-istess fehma hu C.S. Dessain fil-*Catholic Commentary on Holy Scripture* (Londra, 1953). Mhux biss, iżda il-Knisja lil San Pawl Nawfragu f'San Pawl il-Baħar, hi wkoll mibnija fuq il-lok fejn San Pawl tradizzjonalment ukoll, kellu l-ewwel ilqugħ mill-Maltin.

Mhux biss. Hemm ukoll min insostni li lejn Qalet Marku hemm ukoll gżira żgħira 'l barra mill-art xi mitt metru jew aktar, u li setgħet kienet sewwa sew il-lok tan-nawfraġju. L-art jisimha Ta' Marku, u tfakkrek ukoll f'nawfraġji oħra li seħħew lejn l-inħawi. Il-baħar tal-inħawi tas-Salini jikxef kemm-il nawfraġju li seħħew matul is-sekli meta jkun jonfoħ il-grigal qawwi li jaħkem il-Gżejjer Maltin. Hawn għaldaqstnt min isostni li l-grigal li jikteb dwaru San Luqa, ma setax ma jitfax il-mirkeb lejn dawn l-inħawi.

Jidher għalhekk illi l-lok eżatt fejn seħħ in-nawfraġju ta' San Pawl jibqa' misterju, imma t-tradizzjoni turi li kien żgur lejn dawn in-naħat. Jidher ukoll, madankollu, illi l-isem intrabat sewwa mal-Gżejjer mill-1845 'il hawn, jew aħjar minn meta tqiegħedet fuq il-Gżejjer l-istatwa tal-qaddis. Wieħed ma jridx jinsa l-ħabta li għandna aħna l-Insara li kull fejn hemm post interessanti, jew xi għolja, jew xi quċċata, jew xi lok ieħor, inqegħdu statwa tal-Madonna, jew tas-Salvatur, jew xi Salib kbir, jew fil-każ tagħna statwa ta' San Pawl! U hekk hu li fuq il-Gżejjer waqqafna din l-istatwa lil dan l-appostlu rbatniha darba għal dejjem man-nawfraġju ta' dan il-qaddis..

L-istoriku Malti ta' żmien l-Ordni Giovanni Francesco Abela igħid li l-isem Salomone ġej minn familja ta' l-istess isem. Minkejja li ħafna mit-territorju ta' Selmun kien propjetà tal-*Monte della Redenzione degli Schiavi,* il-Gżejjer ma jidhrux fil-kuntratti li juru li huma wkoll kienu mdaħħlin f'din il-propjetà li kellha l-*Monte della Redenzione*.

Mill-familja ta' Salomone kien hemm kaptan bl-isem ta' Marco di Maria li kien kaptan tax-xwieni Maltin li darba kien wettaq bravura mill-aqwa fl-ibħra f'dawn l-inħawi. Mela, kien iż-żmien tal-Garnmastru Franċiż Jean de la Cassiere li kien dam Granmastru mill-1572 sal-1581. Waqt li dan Marku kien fi triqtu lejn il-kosta tal-Barbarija, għax xogħlu kien li jħuf għal xi xini Tork, jiltaqa' ma xini tal-għadu mill-flotta ta' Biżerta. Jidher li kienu lejn Għawdex u Marku rħielha lejn Malta qabel jilħquh għax l-għadu jidher li kien akbar minnu. Madankollu x-xini Tork kien għoddu laħqu qrib Selmun, u Marku poponta rasu lejn il-kanal bejn il-Gżejjer u l-Blata. Imma biex ikun jista' jgħaddi kien jaf li l-baħar hemm mhux fond biżżejjed! X'għamel? Wettaq manuvra ta' ħila kbira. Hu u dieħel fil-kanal, ressaq lill-baħrin mill-pruwa għall-poppa u mbagħad mill-ġdid għall-pruwa. Din hi manuvra magħrufa bħala *connigliare*, sewwasew bħalma jiġri l-fenek! B'hekk irnexxielu jiżgiċċa ħafif ħafif lill-ġifen Tork! Dan ix-xini li kien ġej warajh ma kienx jaf sewwa l-baħar t'hemmhekk bħalma kien jafu Marku, baqa' ġej warajh u nkalja fil-kanal!

Kienet manuvra ta' ħila kbira, u bis-saħħa tagħha l-ordni kellha issa xini mgħammar sħiħ bla ma xxerrdet qatra waħda demm! Bħala ħajr il-Granmastru la Cassiere lil Marku tah il-Gżejjer. Lilu u lid-dixxendenti tiegħu li kienu kollha tal-familja Salomone. Dan kien il-mod għaliex il-Gżejjer ħadu l-isem ta' *Salomone* u *tal-Barba Marku*.

Meta miet Marku di Maria wiret il-Gżejjer ibnu Giovanni, u wara dan neputih Narduccio. It-tnejn kienu bdoti tal-ordni. Meta miet Narduccio ma kienx baqa' werrieta u l-familja għaddiet lejn Sqallija, waqt li l-art tal-Gżejjer reġgħet għaddiet bħala propjetà tal-Gvern. Maż-żmien l-isem Salomone tbiddel u sar *Salamun, Salamunett*, u *Selmun*. Illum Selmun hu territorju, waqt li l-Gżejjer huma territorju separat.

## Il-Kanal bejn il-Blata u l-Gżejjer

Dokument fil-librerija l-Belt (N.L.M. BO 1-22 N.XXXIX) li jġib id-data tat-18 ta' Settembru 1800, hu mappa dedikata lil Lord Nelson minn Alexander Briarly tal-*HMS Audacious*. Fost tagħrif ieħor mogħti lil Nelson dwar perikli tat-tbaħħir madwar Malta u fejn jistgħu jankraw il-bastimenti, isemmi l-fond bejn l-art u l-Gżejjer u dettalji oħrajn madwar il-port ta' San Pawl u l-Gżejjer stess.

Fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija fil-kanal bejn l-art u l-gżejjer, l-Ingliżi kienu għarrqu d-destrojer *Kingston*, li kienet għamlet żmien tiġġieled kontra l-għadu. B'hekk, ukoll mgħarrqa u mwaħħla fil-kanal, baqgħet tissielet sal-aħħar. Wieħed mill-inġiniera tal-*Kingston,* Frederick George Willets, semma lil ibnu għall-*Kingston*, u dan l-iben - Frederick Kingston Willets - kien ġie Malta meta kiber, fis-sajf tal-1985, u ppreżenta ċ-ċavetta tal-bieb tal-*engine room* lill-Mużew tal-Gwerra. Jingħadu wkoll ħafna stejjer ta' Maltin li kienu jmorru bil-moħbi fuq il-Kingston biex itellgħu li jistgħu - mgħaref, frieket u ħwejjeġ oħrajn - minn dan il-bastiment li kien tgħarraq hemmhekk. Dan il-bastiment kien tgħarraq apposta matul il-gwerra, iżda wara l-gwerra ma kienx aktar loku hemmhekk. Hekk qalli Ninu Bonanno, *Ta' Ġgejna,* minn Selmun:

Jien kont inkun il-Blata bi ngħaġ, u kont noqgħod nara x'qiegħed jiġri hemm isfel. Darba ġie barkun kbir, kien hemm krejn kbir fuqu... kien jiġi kemm-il darba. U kienu jqattgħu dak il-vapur mgħarraq u jtellgħuh biċċa biċċa. Il-*Kingston* kien tfarrak bil-bombi Ġermaniżi il-Belt, imma ġabuh bejn il-gżejjer u nkaljawh hemm. Biċċa minnu baqagħet tidher mill-wiċċ 'il fuq. U wara l-gwerra qattgħuh bil-furnelli u l-ħadid tellgħuh bil-krejn... jidhirli ta' Bezzina kien il-krejn... Niftakarni nara l-bugħaddas nieżel u tiela', kellu żarbun kbir taċ-ċomb u kellu armar daqshiex fuq rasu u malli jitla' kienu jneħħuhulu...

Wara l-gwerra kien hemm ħafna x'tara fil-portijiet tagħna. Biżżejjed ngħidlek li kienu daħħlu l-flotta Taljana San Pawl il-Baħar fl-1943 meta ċedew it-Taljani. Imma mill-Gżejjer sal-Qawra kienu għamlu xibka kbira biex ma jidħlux sottomarini Ġermaniżi biex jisplodu l-vapuri Taljani!

Il-Ġermaniżi kienu ċedew xi sentejn wara. Il-flotta Taljana kienet telqet minn La Spezia u minn Taranto u salpat lejn Malta taħt għajnejn għassiesa tal-vapuri tal-gwerra Ingliżi. L-ewwel vapuri Taljani waslu fl-10 ta' Settembru 1943, biċċa minnhom daħlu San Pawl il-Baħar, waqt li għadd ieħor kienu Marsaxlokk u barra l-Port il-Kbir.

## Dan Hu tagħna!

Snin ilu, kull meta kont immur Għawdex, kien ikun hemm il-poeta Ġorġ Pisani josserva l-ħajja minn wara t-tieqa fil-pjazza fejn ikun hemm il-karozzi tal-linja. Jiena kont immur inkellmu; kien jifraħ bija mhux ftit! Imma darba minnhom waqt li qed nitkellmu fuq kemm bħala poplu m'aħniex naħdmu bil-għaqal biex nieħdu ħsieb dak kollu li n-natura ħolqitilna, jiena u nkellmu infexx jibki bħal tarbija.

M'għandniex muntanji, u m'għandniex xmajjar! Imma dan Alla tana! Dan hu l-ambjent li tana Alla! U dan hu tagħna. Mela ejje nħobbuh u ejja nibżgħu għalih!

Kien l-aħħar darba li rajtu ħaj. Imma t-twiddiba tiegħu għadha f'moħħi u ma nistax nwassalhiex lil kull min niltaqa' miegħu. Il-Gżejjer ta' San Pawl jagħtu ġmiel u seħer lid-deħra tal-art Maltija. Ejja nżommuhom indaf u nieħdu ħsiebhom sewwa. Tkissir u qerda fuqhom, ikunu jfissru għajb għalina lkoll kemm aħna.

**Għejjun ta' tagħrif**

Abela/Ciantar, *Malta Illustrata,* Malta 1772-1780.

Borg, Paul P., *Selmun u l-Inħawi,* 1989.

Borg, Paul P., *Selmun a Story of Love,* 1996.

Castagna, P.P., *L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha,* 1888.

Farrugia Randon R., u Farrugia Randon, S., 1995, *Comino, Filfla & St. Paul's Island 1995.*

Vella P. *Malta Blitzed but not Beaten,* 1985.

Intervisti u taħdit ma' xjuħ, fosthom nannti Ġużeppa Borġ ta' Pawlu tal-Qantara minn Selmun, u binha Ġużeppi, missieri.